

32002D0757

20.9.2002

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 252/37

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tad-19 ta' Settembru 2002

dwar miżuri fitosanitarji proviżorji ta' emerġenza sabiex ma jitħalliex id-dħul u l-firxa fil-Komunità tal-*Phytophthora ramorum* Werres, De Cock & Man in 't Veld sp. nov.

(notifikata bid-dokument numru C(2002) 3380)

(2002/757/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2000/29/KE tal-Kunsill tat-8 ta' Mejju 2000 rigward il-miżuri ta' protezzjoni kontra d-dħul fil-Komunità ta' organiżmi li jagħmlu l-ħsara lill-pjanti jew lill-prodotti tagħhom u kontra l-firxa tagħhom fil-Komunità ⁽¹⁾, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 2002/36/KE ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 16(3), it-tielet sentenza tagħha,

Billi:

- (1) Meta Stat Membru jikkunsidra li hemm periklu tad-dħul u l-firxa ta' organiżmu li jagħmel il-ħsara mhux elenkat fl-Anness I jew l-Anness II tad-Direttiva 2000/29/KE fit-territorju tiegħu, dan jista' temporanjament jieħu l-miżuri addizzjonali meħtieġa sabiex jipproteġi lill-nnifsu kontra dan il-periklu.
- (2) Ir-Renju Unit għarraġ, nhar id-29 ta' April 2002, lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni b'tifqigħat tal-*Phytophthora ramorum* Werres, De Cock & Man in 't Veld sp. nov. (minn issa 'l quddiem imsejjaħ "l-organiżmu ta' ħsara") fuq it-territorju tiegħu u adotta, nhar it-13 ta' Mejju 2002, miżuri addizzjonali maħsuba li ma jħallux id-dħul u l-firxa fil-Komunità ta' dan l-organiżmu ta' ħsara. L-Olanda u l-Ġermanja wkoll irrappurtaw, nhar id-29 ta' April 2002, tifqigħat ta' dan l-organiżmu fit-territorji rispettivi tagħhom.
- (3) L-organiżmu ta' ħsara bħalissa mhuwiex elenkat fl-Annessi I jew II tad-Direttiva 2000/29/KE. Madankollu, analiżi preliminari dwar perikli mid-dud u insetti bażata fuq tagħrif xjentifiku disponibbli wriet li dan l-organiżmu u l-effetti ta' ħsara tiegħu, joħlqu ċerta preokkupazzjoni dwar is-saħħa tal-pjanti fil-Komunità, b'mod partikolari fil-każ ta' iżolati mhux Ewropej, preżenti biss fl-Istati Uniti ta' l-Amerika, għas-siġar tal-ballut fil-Komunità u dak ta' l-iżolati Ewropej għall-pjanti ornamentalni bħall-*Rhododendron* spp. u *Viburnum* spp. Is-servizzi rilevanti ta' l-Istati Membri ġew mitluba biex ikomplu bl-istudju xjentifiku rigward ir-riskju marbut ma' l-iżolati mhux Ewropej għas-siġar tal-ballut fil-Komunità, l-epidemjoloġija ta' l-organiżmu ta' ħsara u l-pjanti li joqgħod fihom.
- (4) Hu għalhekk meħtieġ li jittieħdu miżuri proviżorji fitosanitarji ta' emerġenza kontra d-dħul u l-firxa fil-Komunità ta' dan l-organiżmu ta' ħsara.

- (5) Dawn il-miżuri għandhom japplikaw għad-dħul jew il-firxa ta' l-organiżmu ta' ħsara, għall-produzzjoni u moviment fil-Komunità ta' pjanti magħrufa li jkun fihom dan l-organiżmu, għall-kontroll ta' dan l-organiżmu ta' ħsara u għal sorveljanza aktar ġenerali dwar il-preżenza jew l-assenza fit-tul ta' dan l-organiżmu ta' ħsara fl-Istati Membri. Madankollu m'hemm b'żonn li dawn il-miżuri jiġu applikati għall-pjanti *Rhododendron simsii* Planch., minbarra frott u żrieragħ, għax l-informazzjoni li hawn tindika li dawn il-pjanti m'humiex milquta minn dan l-organiżmu ta' ħsara.

- (6) Ir-riżultati tal-miżuri msemija hawn fuq se jkun regularment assessjati fl-2002 u fl-2003, b'mod partikolari fuq il-bażi ta' informazzjoni li għandhom jipprovdu l-Istati Membri. Miżuri oħra possibbli wara dawn se jiġu kunsidrati fid-dawl tar-riżultati ta' dik l-istima, u l-opinjoni xjentifika mogħtija mill-Istati Membri.

- (7) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa tal-Pjanti,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Għall-fini ta' din id-Deċiżjoni:

- (1) "l-organiżmu ta' ħsara" jfisser *Phytophthora ramorum* Werres, De Cock & Man in 't Veld sp. nov.
- (2) "pjanti suxxettibbli" tfisser il-pjanti, minbarra frott u żrieragħ, ta' l-ispeċi *Acer macrophyllum* Pursh., *Aesculus californica* Nutt., *Arbutus menziesii* Pursch., *Arctostaphylos* spp. Adans, *Heteromeles arbutifolia* (Lindley) M. Roemer, *Lithocarpus densiflorus* (H & A), *Lonicera hispidula* (Dougl.), *Quercus* spp. L., *Rhamnus californica* (Esch), *Rhododendron* spp. L., minbarra *Rhododendron simsii* Planch., *Umbellularia californica* (Pursch.), *Vaccinium ovatum* (Hook & Arn) Nutt. u *Viburnum* spp. L.
- (3) "injam suxxettibbli" tfisser l-injam *Acer macrophyllum* Pursh., *Aesculus californica* Nutt., *Lithocarpus densiflorus* (H & A) u *Quercus* L.
- (4) "qxur suxxettibbli tas-siġar" tfisser il-qxur iżolat tas-siġar *Acer macrophyllum* Pursh., *Aesculus californica* Nutt., *Lithocarpus densiflorus* (H & A) u *Quercus* L.

⁽¹⁾ ĠU L 169, ta' l-10.7.2000, p. 1.⁽²⁾ ĠU L 116, tat-3.5.2002, p. 16.

Artikolu 2

Id-dħul u l-firxa fil-Komunità ta' iżolati mhux Ewropej jew Ewropej ta' dan l-organiżmu ta' ħsara għandu jkun projbit.

Artikolu 3

1. Pjanti u njam suxxettibbli jistgħu biss jiddaħħlu fit-territorju tal-Komunità jekk jikkonformaw mal-miżuri fitosanitari ta' emerġenza preskritti fil-punti 1a u 2 ta' l-Anness ta' din id-Deċiżjoni u jekk ikunu spezzjonati mad-dħul tagħhom fil-Komunità għall-preżenza ta' iżolati mhux Ewropej ta' l-organiżmu ta' ħsara, skond l-Artikolu 13(1)(a), tad-Direttiva 2000/29/KE, u dikjarati ħielsa minn dan wara l-ispezzjoni.

2. Id-dispożizzjonijiet speċifikati fil-punti 1a u 2 ta' l-Anness ta' din id-Deċiżjoni għandhom japplikaw biss għal pjanti u njam suxxettibbli li joriġinaw mill-Istati Uniti ta' l-Amerika u destinati għall-Komunità u li jkunu telqu fl-1 ta' Novembru 2002 jew wara.

3. Il-miżuri preskritti fil-Parti A, Taqsima I(3), ta' l-Anness IV rigward l-injam ta' l-ispeċi *Quercus L.*, inkluż l-injam li ma żammx l-għamla naturali tonda tiegħu, li joriġina mill-Istati Uniti ta' l-Amerika, m'għandhomx japplikaw għal injam suxxettibbli ta' l-ispeċi *Quercus L.* li jissodisfa l-ħtiġijiet tal-punt 2(b) ta' l-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

4. Mill-1 ta' Novembru 2002, pjanti ta' l-ispeċi *Rhododendron spp.*, minbarra *Rhododendron simsii Planch.*, u *Viburnum spp.*, minbarra frott u żrieragħ, li joriġinaw minn pajjiżi terzi għajr l-Istati Uniti ta' l-Amerika, imdaħħla fil-Komunità jistgħu biss jiġu mċaqilqa fil-Komunità jekk magħhom ikun hemm passaport tal-pjanti imħejji u maħruġ skond id-Direttiva 92/105/KEE ⁽¹⁾ tal-Kummissjoni.

Artikolu 4

Qxur suxxettibbli ta' siġar li joriġinaw mill-Istati Uniti ta' l-Amerika ma jistgħux jiddaħħlu fil-Komunità.

Artikolu 5

Mill-1 ta' Novembru 2002, il-pjanti *Rhododendron spp.*, minbarra *Rhododendron simsii Planch.*, u *Viburnum spp.*, għajr frott u żrieragħ, li joriġinaw mill-Komunità, ma jistgħux jiġu mċaqilqa mill-post tal-produzzjoni tagħhom ħlief jekk jissodisfaw il-kondizzjonijiet preskritti fil-punt 3 ta' l-Anness ta' din id-Deċiżjoni. Il-produtturi ta' dawn il-pjanti għandhom ikunu reġistrati skond id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 92/90/KEE tal-Kunsill ⁽²⁾.

L-Artikolu 6

1. L-Istati Membri għandhom jagħmlu sħarriġ uffiċjali dwar l-organiżmu ta' ħsara fit-territorju tagħhom, sabiex jiddeterminaw jekk hemmx evidenza ta' impestazzjoni ta' l-organiżmu ta' ħsara.

2. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 2000/29/KE, ir-riżultati ta' dan l-istħarriġ previst fl-ewwel paragrafu għandhom jiġu notifikati lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra qabel l-1 ta' Novembru 2003.

Artikolu 7

L-Istati Membri għandhom jaġġustaw mhux aktar tard mill-31 ta' Ottubru 2002 il-miżuri li jkunu adottaw biex jipproteġu rwieħhom kontra d-dħul u l-firxa ta' l-organiżmu ta' ħsara, b'mod li l-miżuri jkunu konformi ma' din id-Deċiżjoni, u jinfurmaw immedjatament lill-Kummissjoni bil-miżuri aġġustati.

Artikolu 8

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi riveduta mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2003.

Artikolu 9

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fid-19 ta' Settembru 2002.

Għall-Kummissjoni

David BYRNE

Membri tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 4 tat-8.1.1993, p. 22.

⁽²⁾ ĠU L 344, tas-26.11.1992, p. 38.

ANNEX

- 1a. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' l-Anness III, Parti A(2), u l-Anness IV, Parti A(1),(11.1), (39) u (40) tad-Direttiva 2000/29/KE, pjanti suxxettibbli li joriġinaw mill-Istati Uniti ta' l-Amerika għandu jkun hemm magħhom ċertifikat li jissemma fl-Artikoli 7 jew 8 tad-Direttiva 2000/29/KE:
- (a) li jgħid li huma joriġinaw minn żoni li fihom iżolati mhux Ewropej ta' l-organiżmu ta' ħsara mhux magħruf li nstabu. L-isem taż-żona għandu jissemma fiċ-ċertifikat taħt ir-rubrika "post ta' oriġini";jew
 - (b) maħruġ wara verifika uffiċjali li l-ebda sinjal ta' iżolati mhux Ewropej ta' l-organiżmu ta' ħsara ma ġie osservat fuq xi pjanti suxxettibbli fil-post tal-produzzjoni, waqt l-ispezzjonijiet uffiċjali, inkluż l-ittestjar fil-laboratorju għal kull sintomu suspett imwettaq mill-bidu ta' l-aħħar ċiklu sħiħ ta' veġetazzjoni.
- Barra minn hekk, iċ-ċertifikat jinħareġ biss wara li kampjuni rappreżentattivi tal-pjanti jkunu ttieħdu qabel ma jkunu tgħabbew fuq vapur, u jkunu ġew eżaminati u misjuba ħielsa minn iżolati mhux Ewropej ta' l-organiżmu ta' ħsara wara l-ispezzjonijiet. Dan ta' l-aħħar għandu jissemma fiċ-ċertifikat taħt ir-rubrika "dikjarazzjoni addizzjonali" bħala "misjub ħieles minn iżolati mhux Ewropej ta' *Phytophthora ramorum* Werres, *De Cock & Man in 't Veld sp. nov.*"
- 1b. Il-pjanti suxxettibbli li ddaħħlu u li jissemmew fil-punt 1a jistgħu biss ikunu mċaqilqa fil-Komunità jekk ikun hemm magħhom passaport ta' pjanti imħejji u maħruġ skond id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 92/105/KEE li jafferma l-ispezzjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 3(1).
2. Injam suxxettibbli li joriġina mill-Istati Uniti ta' l-Amerika jista' biss jiddaħħal fil-Komunità jekk ikollu miegħu iċ-ċertifikat imsemmi fl-Artikoli 7 jew 8 tad-Direttiva 2000/92/KE:
- (a) li jgħid li dan joriġina minn żoni fejn iżolati mhux Ewropej ta' l-organiżmu ta' ħsara mhux magħruf li deheru. L-isem taż-żona għandu jissemma fiċ-ċertifikat taħt ir-rubrika "post ta' oriġini";jew
 - (b) li nħareġ wara verifika uffiċjali li l-injam kienet tneħħietlu l-qoxra u:
 - (i) li ngħata l-forma kwadra, b'mod li tilef totalment il-wiċċ tond, jew
 - (ii) li l-kontenut ta' ilma fl-injam ma jaqbiżx l-20 % bħala perċentwal tal-materja niexfa, jew
 - (iii) li l-injam ġie diżinfettat permezz ta' trattament xieraq ta' arja sħuna jew misħun;
 jew
 - (c) fil-każ ta' njam isserrat b'residwu tal-qoxra fil-post, jew mingħajru, jekk hemm evidenza b'marka "Imnixxef f'kalkara", "MK" jew xi marka oħra rikonoxxuta fuq livell internazzjonali mwaħħla fuq l-injam jew fuq l-imbagg tiegħu skond l-użanza kummerċjali attwali, li dan l-injam ġie mnixxef f'kalkara għal kontenut ta' ndewwa inqas minn 20 %, espressa f'perċentwal tal-materja niexfa, waqt il-manifattura tiegħu, miksub bi skeda xierqa ta' ħin/temperatura.
3. Il-pjanti *Rhododendron spp.*, minbarra *Rhododendron simsii* Planch., u *Viburnum spp.*, ħliet frott u żrieragħ, li joriġinaw mill-Komunità, jistgħu jiġu mċaqilqa mill-post tal-produzzjoni jekk ikollhom magħhom passaport tal-pjanti kif imsemmi fil-punt 1 ta' dan l-Anness; u
- (a) ikunu joriġinaw minn żoni fejn iżolati mhux Ewropej ta' l-organiżmu ta' ħsara mhux magħruf li tfaċċaw, jew
 - (b) li l-ebda sinjal ta' iżolati Ewropej ta' l-organiżmu ta' ħsara ma kien osservat fil-pjanti msemija hawn fuq fil-post tal-produzzjoni mill-bidu tal-aħħar ċiklu sħiħ ta' veġetazzjoni waqt spezzjonijiet uffiċjali, inkluż l-ittestjar fil-laboratorju ta' kull sintomu suspett, imwettqa mill-anqas darba f'ħinijiet xierqa matul il-perjodu meta l-pjanti jkunu qed jikbru attivament, jew
 - (c) f'każi meta iżolati Ewropej ta' l-organiżmu ta' ħsara jkunu nstabu fuq il-pjanti msemija hawn fuq fil-post tal-produzzjoni, proċeduri xierqa jkunu ttieħdu bl-għan li jinqered l-organiżmu ta' ħsara, li jkunu jikkonsistu għall-inqas fil-qerda tal-pjanti infettati u tal-pjanti kollha suxxettibbli li jkunu jinsabu sa 2 metri l bogħod mill-pjanti infettati, u
 - għall-pjanti suxxettibbli kollha li jkunu jinsabu fraġġ ta' 10 metri mill-pjanti infettati, u ta' xi pjanti li jkun baqa' mill-lott kontaminat, li l-pjanti jkunu thallev fil-post tal-produzzjoni u jekk spezzjonijiet oħra jkunu saru mill-anqas darbtejn matul it-tliet xhur wara s-sejba, meta l-pjanti jkunu qed jikbru attivament u jkunu nstabu ħielsa mill-organiżmu ta' ħsara fdawn l-ispezzjonijiet,
 - għall-pjanti l-oħra kollha suxxettibbli fil-post tal-produzzjoni, li l-pjanti jkunu ġew sottomessi għal spezzjoni intensiva mill-ġdid wara s-sejba u jkunu nstabu ħielsa mill-organiżmu ta' ħsara fdawn l-ispezzjonijiet.